TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/232/12/S

Ryan Farrugia
Vs
Andreas Nelles

Illum 16 ta'Mejju,2013.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Rayan Farrugia pprezentata fid-19 ta'Settembru,2012 filwaqt li Andreas Nelles, ghalkemm debitament notifikat, baqa' la pprezenta risposta u lanqas deher ghas-seduti li saru;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lir-rikorrent u t-trattazzjoni tieghu maghmula fit-22 ta'Frar,2013;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda vakanza premju li qatt ma giet onorata mill-intimat;

Illi jinghad mal-ewwel li l-intimat Andreas Nelles naqas milli jwiegeb ghat-talba ta' Ryan Farrugia u lanqas deher ghas-seduti li saru;

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu verzjoni wahda u cioe dik ta' Ryan Farrugia li ma gietx kontradetta bl-ebda mod mill-intimat Andreas Nelles;

Illi n-nuqqas ta' dehra tal-intimat ma jfissirx li dan it-Tribunal m'ghandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu gustifikat;

Illi r-rikorrent ma ppruvax kif wasal ghat-talba ta' €1100 rapprezentanti erbat ijiem akkomodazzjoni f'lukanda ta' tlitt stile f'Lignano l-Italja;

Illi min-naha l-ohra l-intimat ma deherx biex jitfa' dawl fuq dawn il-mistoqsijiet u lanqas biex jaghti l-verzjoni tieghu;

Illi mill-provi li tressqu, it-Tribunal mhuwiex konvint li t-talba kif dedotta ghandha tigi milqugha fl-intier taghha;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Ryan Farrugia u Jordna lil Andreas Nelles ihallas lil Ryan Farrugia is-somma ta' €700 stabbilita *ex aequo et bono*, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-istess Andreas Nelles.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888